GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

# ĊIRKULARI

**Data:** 10 ta' Jannar 2024 **Ref:** DELH 009/2024

**Lis-:** Segretarju Permanenti, Diretturi Ġenerali, Diretturi, CIO, Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Uffiċjali Edukattivi, Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, Knisja u Indipendenti, Kapijiet tal-Entitajiet

**Mingħand:** David Muscat, Kap Eżekuttiv, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** **'Nirreċtaw Ħrejjifna' – Klabba ta' Drama u Rakkontar ta' Stejjer**

---

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu ser torganizza klabb ġdid wara l-ħin tal-iskola bl-isem *Nirreċtaw Ħrejjifna* għal tfal **mir-4 (*Year 4)* sas-6 sena tal-primarja *(Year 6)*** li jixtiequ jissaħħu fil-ħiliet tad-drama u l-komunikazzjoni. L-għan tal-klabb hu li nħeġġu lill-parteċipanti jiżviluppaw il-ħiliet tad-drama u tal-lingwa u jesprimu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom permezz ta' logħob multisensorjali bbażat fuq il-ħrejjef.

Is-sessjonijiet se jsiru bil-Malti, iżda 'l quddiem, l-Aġenzija se tkun qiegħda toffri dan il-programm bl-Ingliż.

Fl-aħħar tal-klabb ikun hemm esebizzjoni u attività ta' ċelebrazzjoni. Kull min jattendi regolarment (80%) u jtemm il-klabb b'suċċess jingħata ċertifikat.

| | |
|---|---|
| **Post:** | **Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu (NCC), il-Ħamrun** |
| **Jiem:** | **Grupp 1 - Il-Ħamis u Grupp 2- Il-Ġimgħa** |
| **Grupp 1:** | **1 ta' Frar, 8 ta' Frar, 15 ta' Frar, 22 ta' Frar, 29 ta' Frar, 7 ta' Marzu, 14 ta' Marzu, 21 ta' Marzu** |
| **Grupp 2:** | **2 ta' Frar, 9 ta' Frar, 16 ta' Frar, 23 ta' Frar, 1 ta' Marzu, 8 ta' Marzu, 15 ta' Marzu, 22 ta' Marzu** |
| **Ħin:** | **Mit-3:30 sal-5:00 ta' filgħaxija** |

Min hu interessat jista' japplika billi jimla l-formola online li tinsab hawn. L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa, 19 ta' Jannar 2024**. Jekk in-numru ta' parteċipanti meħtieġ ma jintlaħaqx il-klabb jista' ma jsirx. Jekk l-Aġenzija tirċievi iktar applikazzjonijiet milli tista' taċċetta, l-applikazzjonijiet jintgħażlu skont min japplika l-ewwel. Dan il-klabb se jkun offrut bla ħlas.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ċempel lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fuq 25983324.

Grazzi tal-attenzjoni,

**Sandra Ebejer**
**Direttriċi**
**Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi**
**MEYR**